## Kreaturi tal-baħar

### Il-fekruna (paġna 10)

Jien jisimni Frida. Jien fekruna kbira, ħadra u għandi qoxra iebsa ħafna. Ngħix ġol-baħar frisk u ’l bogħod mill-art. Fil-baħar niltaqa’ ma’ ħafna kreaturi oħra, kemm kbar kif ukoll żgħar. L-ikel favorit tiegħi huwa l-ħaxix tal-baħar. Mmm... kemm inħobbu! Brina l-balena u Stella l-ħamiema tal-baħar huma l-akbar ħbieb tiegħi. Tgħidx kemm nieħdu gost ngħumu f’baħar miftuħ, iżda mhux dejjem ikun sigur. Ġieli ltqajna ma’ xi xibka tas-sajd jew xi borża tal-plastik li jkunu ilhom fil-baħar. Dawn huma ta’ periklu kbir għalina l-kreaturi tal-baħar.

Grazzi, tfal, talli minn mindu għadkom żgħar diġà qed tieħdu ħsieb il-baħar u b’hekk aħna l-kreaturi jkollna dar nadifa.

## Il-ħwejjeġ

### Stedina speċjali (paġna 17)

Jiena Nina u ħija Luka rċevejna stedina għall-festin ta’ għeluq snin il-ħabiba tagħna Lara. Il-mamà minnufih bdiet tipprepara x’se tlibbisna u taħseb f’xi rigal li nistgħu nixtrulha.

Morna l-Belt Valletta u mill-ewwel rajna vetrina b’xi ħwejjeġ li għoġbuna. Tal-ħanut kellha ħafna ħwejjeġ sbieħ. Jien ippruvajt libsa vjola imma ma tantx għoġbitni. Imbagħad ippruvajt dublett blu u flokk roża bil-fjuri. Dawn ġewni sbieħ. Luka libes qalziet kannella u qmis ċelesti. Tgħidx kemm xerqulu! Kemm ferħet il-mamà xħin ratna libsin puliti għall-okkażjoni! Wara tlaqna nfittxu rigal speċjali għall-ħabiba tagħna Lara. Kemm se tieħu pjaċir meta tarana!

## Kreaturi tal-fantasija

### Ġiġi l-ġgant (paġna 26)

L-għodwa t-tajba, tfal! Jien jisimni Ġiġi. Jien ġgant enormi u ngħix ġo raħal fejn kulħadd iħares lejja qisu ġej xi mostru! F’dan ir-raħal kulħadd jilbes pulit, b’xi kappell jew b’xi ċoff iżda jien dejjem nilbes l-istess ħwejjeġ: sandli, flokk u xorz. Kemm niġri u nilgħab qalb is-siġar u l-fjuri!

Imma mhux kulħadd ikun irid jilgħab miegħi għax jarawni qisni l-imgerfex. Mark u Luċija, li joqogħdu fit-tarf tar-raħal, dejjem jaċċettawni, jien kif jien. Huma qatt ma jħalluni waħdi, la l-iskola u lanqas fil-ġnien fejn nilagħbu. Għalkemm qisni l-imgerfex, jien għandi qalbi tad-deheb. Kemm inħobb ngħin lil ta’ madwari!

## Annimali endemiċi

### Kinu l-kangarù (paġna 36)

Jien jisimni Kinu. Jien kangarù li ngħix biss fl-Awstralja, post 'il bogħod ħafna minn Malta. Kulħadd jiggustani għax il-ħin kollu naqbeż. Jien għandi saqajja ta' wara kbar u denbi twil biex nagħti s-salt u naqbeż fl-għoli ħafna. Għandi widnejja kbar ukoll biex inkun nista' nisma' jekk ikun ġej xi ħadd jaqbadni. B'hekk lili qatt ma ssibni waħdi, imma fi grupp ta' kangarus li nimxu minn post għal ieħor flimkien.

Fl-Awstralja għandi l-ħabiba tiegħi l-koala li bħalha għandi borża fuq żaqqi biex inkun nista' nġorr liż-żgħir tiegħi ġo fiha. Għalkemm jien inħobb niekol il-ħaxix u l-pjanti l-oħra li nsib, iż-żgħir tiegħi jixrob il-ħalib tiegħi biss.

Jien u sħabi l-kangarus inħobbu norqdu matul il-jum u mmorru nfittxu l-ikel matul il-lejl. B'hekk matul il-ġurnata dejjem issibna għad-dell ta' xi siġra nistrieħu għal lejl ieħor t'avventura!

## Hbieb tagħna

### Habib ġdid (paġna 45)

Ħelow, tfal! Kif intom? Jien Sandro. Jien tifel ġdid fl-iskola tagħkom. Għandi xagħri kannella skur u għajnejja kannella ċari. Flimkien mal-ġenituri tiegħi ġejna noqogħdu ġo dar ġdida u b'hekk kelli nbiddel l-iskola. Din l-iskola l-ġdida hija sabiħa, kbira u laqgħatni b'idejha miftuħa. Nixtieq nagħmel ħbieb ġodda biex inkunu nistgħu nilagħbu flimkien. Jien inħobb nilgħab bil-ballun, indoqq il-vjolin u naqra. Nixtieq li mal-ħbieb il-ġodda nkun nista' nitkellem u nidħaq daħqa tajba. Ħerqan ħafna biex insir naf iktar lil sħabi tal-klassi!

## Nies li jgħinuna

### Il-kok (paġna 55)

Fir-raħal fejn noqgħod jien hemm ristorant popolari ħafna. Sandro huwa l-kok ta' dan ir-ristorant. Kemm-il darba rajtu jixtri l-ingredjenti li jkollu bżonn biex ikun jista' jsajjar ikel bnin. Ġieli rajtu għand Fredu jixtri l-ħut, għand Mattew jixtri l-laħam jew għand Rita jixtri l-frott u l-ħaxix. Meta jkun fil-kċina tar-ristorant Sandro jilbes fardal u kappell abjad. Quddiemu dejjem b'xi taġen jew b'xi borma jew b'xi kuċċarun f'idejh.
Jien u l-familja tiegħi ġieli morna nieklu f'dan ir-ristorant u Sandro dejjem jiġi jittawlilna biex jara jkunx kollox sew. Kemm jifraħ Sandro meta ngħidulu li l-ikel kien tajjeb ħafna!